MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-22 ta' Frar, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 97/15LM

**Sino Merchants Limited (C49760)**

**vs**

**EuSource LDA (Company Number 508910625) u b'digriet tas-7 ta' Awwissu, 2015 l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti soċjetà konvenuta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Sino Merchants Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), ippreżentat u maħluf minn

Alessandro Righetti fit-3 ta' Frar, 2015, fejn għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*1. Illi s-soċjetà attriċi ordnat mitt (100) telefon ċellulari tad-ditta Apple iphone 6 16GB (EU Speck) Masterbox Sealed mingħand is-soċjetà konvenuta għall-prezz komplessiv ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900) kif jirriżulta mid-dokumenti annessi bħala Dok A u Dok B rispettivament;*

*2. Illi fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ħallset l-imsemmi ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900) lis-soċjetà konvenuta kif jirriżulta mid-dokumenti annessi bħala Dok C u Dok D rispettivament;*

*3. Illi nonostante li ġie effettwat l-imsemmi pagament, is-soċjetà konvenuta naqset milli tikkonsenja l-prodotti inkwistjoni lis-soċjetà attriċi, li sussegwentement ġiet infurmata mis-soċjetà konvenuta li l-prodotti ma kinux se jiġu kkunsinnati in kwantu ma kinux għadhom disponibbli;*

*4. Illi nonostante li s-soċjetà attriċi ppruvat tirkupra l-imsemmi pagament ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900), is-soċjetà konvenuta rrifjutat li tirrifondi l-imsemmi ammont lis-soċjetà attriċi kif jirriżulta wkoll mid-dokumenti annessi bħala Dok E, u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

*5. Illi inoltre, fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ħallset ukoll ammont ulterjuri ta' flus lil terzi għall-ġarr tal-prodotti però liema ħlas sar inutilment minħabba l-inadempjenza tas-soċjetà konvenuta, kif se jirriżulta aħjar waqt is-smigħ tal-*

*kawża. Illi għalhekk lis-soċjetà attriċi sofriet danni kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta;*

*6. Illi Alessandro Righetti in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqsant talbet lil din il-Qorti:*

1. *tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900);*
2. *tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900);*
3. *tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi sofriet danni kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta;*
4. *tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta;*
5. *tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati;*

Rat li b'digriet tal-4 ta' Frar, 2015 (a fol. 28) is-soċjetà attriċi ġiet awtorizzata tinnotifika lis-soċjetà konvenuta **EuSource LDA** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") barra minn Malta fl-indirizz Rua do Rio, 48, 4475-493, Maia, Portugall ai termini tar-regolamenti EC 1348/2000.

Rat li r-riferta (a fol. 34 sa 40) mis-Secretário de Justica do Tribunal de Comarca, il-Portugall kienet negattiva kif jirriżulta min-Nota ppreżentata fil-15 ta' April, 2015 mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili u dan billi

fl-indirizz mogħti kien qiegħed jiġi ġestit negozju ġdid operat minn terza persuna (fol. 84).

Rat li in vista tal-imsemmija riferta negattiva l-Qorti ħatret lill-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati (a fol. 101 tal-proċess) ippreżentata minnhom stess fid-9 ta' Ottubru, 2015 li permezz tagħha eċċepew li mhumiex edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit ta' **Natasa Gaman** (Karta tal-Identità Nru. 0041174A) (fol 110-111) impjegata tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu tat rendikont iddettaljat tal-fatti li taw lok għal din il-kawża. Minbarra l-fatti esposti fir-Rikors Maħluf, din ix-xhud stqarret li rappreżentant tas-soċjetà konvenuta kien offra li minflok din tirrifondi l-prezz imħallas fi flus kontanti, hija tibgħat 300 sett tat-televiżjoni għal valur totali ta' €54,900. Iżda minkejja li s-soċjetà attriċi bagħtet trakk biex jiġborhom, hija kienet ġiet mgħarrfa li dawn ma kinux disponibbli u għalhekk kienet spiċċat ħallset lill-operatur tat-trakk is-somma ta' €2,900 għalxejn.

Fl-istess waqt il-Bank of Valletta li kien esegwixxa t-trasferiment tas-somma ta' €54,900 mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta, informa lis-

soċjetà attriċi li ma kienx possibbli jagħtiha lura l-flus għaliex is-soċjetà konvenuta rrifjutat li tawtorizzah biex jagħmel dan.

Rat li fid-9 ta' Diċembru, 2014 is-somma ta' €54,900 kienet ġiet imħallsa mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta (a fol. 10).

Rat il-verbal fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu ddifferiet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Tqis illi peress li t-talbiet attriċi huma ampjament ippruvati kemm permezz tax-xhieda kif ukoll permezz tad-dokumenti esebiti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba;**
2. **Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u disa' mitt euro (€54,900) bl-imgħax legali mid-9 ta' Diċembru, 2014 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv;**
3. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi sofriet danni kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta;**

4. **Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' elfejn u disgħa mitt euro (€2,900);**
5. **Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati fis-somma ta' elfejn u disgħa mitt euro (€2,900), bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.**

**Bl-ispejjeż a kariku tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------